MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2012

Numru. 931/2002

Il-Pulizija
(Sp Malcolm Bondin)
vs
Kevin Joseph Camilleri, iben John, imwieled Pieta’ ft-3 ta’ Frar, 1979, karta ta’ l-identita numru 91579(M)
u
Carmel Mangion, iben Rita Mangion, imwieled Valletta fid-29 ta’ Diċembru, 1958, karta ta’ l-identita numru 559959(M)
u
Glen Debattista, iben Francis, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Awwissu, 1959, karta ta’ l-identita numru 565359(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati:
1. talli f’dawn l-aħħar xhur, f’dawn il-Gżejjer ta’ Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda

b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu sabiex ibiegħhom, imexxuhom jew jagħmlu użu minnhom, u cioe' vettura tal-għamla Piaggio Typhoon, bin-numru taċ-chassis TE8IT0016176, għad-dannu ta' Raymond Zarb mill-Qawra;

2. tallu ppermettejtu l-użu jew zamma fit-triq ta' l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni;

3. talli ppermettejtu l-użu ta' mutur mingħajr ma kien liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-awtorita dwar it-trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq;

4. talli naqsu fi żmien seba' tijiem, tagħti avviż bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija jew id-direttur tal-liċenzji jew l-Awtorita' tat-Trasport li titraferixxi lill-persuna oħra xi vettura bil-mutur fi żmien seba' tijiem;

lil **Carmel Mangion**, waħdu:

5. talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza li saret definittiva fil-25 ta' Ġunju, 1993 liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell;

lil **Kevin Joseph Camilleri**, waħdu:

6. talli din is-sena għal ħabta tax-xahar ta' Awwissu f'dawn il-Gżejjer ta' Malta kkometta serq ta' vettura tal-għamla Piaggio Typhoon, bin-numru taċ-chassis TE8IT0016176, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAE 214, għad-dannu ta' Raymond Zarb mill-Qawra u direttur tal-liċenzji liema serq jeċċedi l-Lm50 iżda ma jeċċedix il-Lm500, liema serq hu aggravat bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

lil **Glen Debattista**, waħdu:

7. talli f'dawn l-aħħar xhur sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, billi waħħal set ta' number plates foloz AJL 098 fuq vettura tal-għamla Piaggio Typhoon, bin-numru taċ-chassis TE8IT0016176, u bin-numru tar-reġistrazzjoni DAE 214;

8. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni jew użu minn dokument ieħor falsifikat billi użu set ta' number plates foloz;

9. talli għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni ta' l-imsemmija vettura xort' oħra minn dak mogħti mill-

Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar it-Trasport dwar xi vettura bil-mutur partikiolari;
10. talli ħalla l-imsemmi mutur jintuża għal finijiet oħra barra minn dawk li għalihom ikun liċenzjat;
11. talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza li saret definittiva fis-26 ta' Novembru, 1992 liema sentenza ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati.
12. talli kiser il-kondizzjonijit tal-artikiolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-liġijiet ta' Malta li ġew imposti lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' Lulju, 2000;
13. Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tiskwalifka lill-imputat milli jkollu jew jottjeni kull liċenza tas-sewqan skont il-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Ġunju, 2011 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtij jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
1. fl-artikoli 18 u 334 tal-Kodiċi Kriminali;
2. fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 3 u 51 ta' l-A.L. 476 ta' l-2004;
4. fl-artikolu 29 ta' l-A.L. 476 ta' l-2004;

lil **Carmel Mangion**, waħdu:
5. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

lil **Kevin Joseph Camilleri**, waħdu:
6. fl-artikoli 261, 267, 270, 271(g), 279 u 280 tal-Kodiċi Kriminali;

lil **Glenn Debattista**, waħdu:
7. fl-artikoli 18, 185(2), 186 u 188 tal-Kodiċi Kriminali;
8. fl-artikoli 187, 189 u 388(gg) tal-Kodiċi Kriminali;
9. fl-artikoli 51(4)(5)(6) ta' l-A.L. 476 ta' l-2004;
10. fl-artikolu 26 ta' l-A.L. 476 ta' l-2004;
11. fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;
12. fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
13. fl-artikoli 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju, 2012 fejn l-imputati Kevin Camilleri u Glenn Debattista ddikjaraw li Charles Mangion ma għandu xejn x'jaqsam ma dan il-każ.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2012 fejn l-imputati Kevin Camilleri u Glenn Debattista ammettew l-akkużi mikġjuba kontra tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta’ Lulju, 2012 fejn in vista ta’ dawn id-dikjarazzjonijiet il-prosekuzzjoni ma kellha ebda prova oħra xi tressaq.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2012 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Illi dan il-proċess in ħaraq fin-nirien li ħakmu din il-Qorti fit-12 ta’ Lulju, 2004.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat **Carmel Mangion** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi.  Ma ssibx lill-imputat **Kevin Joseph Camilleri** ħati tas-sitta akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.  Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha.  Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 3, 29 u 51 ta’ l-A.L. 476 ta’ l-2004.  Rat it-trapass taż-żmien u l-ammissjoni ta’ l-imputat.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Issib lill-imputat **Glenn Debattista** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 185, 186, 188 u 334 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-artikoli 3, 26, 29 u 51 ta’ l-A.L. 476 ta’ l-2004 u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijietnta’ Malta.  Rat it-trapass taż-żmien u l-ammissjoni ta’ l-imputat.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------